**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tal-24 ta' Frar, 2020
Sessjoni tal-Ghid il-Hamiem
Rikors Numru: 190/2019 VGA

**WM Environmental Limited (C53505)**

***vs***

**Wasteserv Malta Limited (C30560)**

**Il-Qorti,**

1. Rat l-avvizipprezentat fl-4 ta' Settembru 2019 f'liema avviz il-kumpanija rikorrenti talbet lill-kumpanija intimata tghid 'l ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata li thallas (lill-kumpanija rikorrenti) *"is-somma ta' sebat' elef u erbatax-il euro u sitta u erbghin centezmu (€7,014.46) liema somma tirrapprezenta prezz ta' appalt ossia xoghol ta' manutenzjoni u zamma ta' green areas gewwa l-impjant ta' Sant' Antnin permezz ta' prodotti u servizzi favur l-ambjent ghax-xhur ta' Gunju 2017, Lulju 2017, Awwissu 2017 u Settembru 2017. Bl-imghax minn Gunju 2017 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 725/2019 prezentata taht l-166A tal-Kap. 12 kontra (il-kumpanija intimata) minn issa ngunti ghas-subizzjoni, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "A"* [1]

[1] Fol. 1

2. Rat illi minkejja debitament notifikata fid-19 ta' Settembru 2019, il-kumpanija intimata baqghet ma' pprezenta l-ebda risposta[2].

3. Rat id-dokumenti kollha annessi mal-avviz tat-talba kif ukoll l-atti sussegwenti.

4. Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Frar 2020 wara li l-kumpanija intimata giet imsejjha diversi drabi u ma' dehritx il-kumpanija rikorrenti pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni taghha u dan gie approvat mill-Qort*i*[3]

5. Rat li fil-kapitolu ghas-subizzjoni tal-kumpanija intimata, l-kumpanija rikorrenti talbitha *"tipprova bil-gurament li hija debitur tal-kumpanija attrici fis-somma u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz"*.

6. Rat illi l-kawza thalliet ghas-subizzjoni tal-kumpanija intimata ghall-24 ta' Frar 2020.

7. Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020 il-kumpanija intimata ma' dehritx ghas-subizzjoni taghha sabiex twiegeb ghad-domanda tal-kumpanija rikorrenti.

8. Rat ukoll illi fl-istess seduta deher **Wilson Mifsud**, direttur tal-kumpanija rikorrenti, illi kkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammont mitlub fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-interita' tieghu.

**Ikkunsidrat**

9. Illi l-Artikolu 171(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jitratta t-"*tmexxija fil-Qrati Inferjuri*" jipprovdi testwalment kif gej:

   *"Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215."*

10. Illi l-Artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta imbaghad jipprovdi b'riferenza ghall-Qrati Inferjuri illi:

    *"Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament bl-akbar heffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuq imsemmija bħal ma jingħad hawn fuq."*

[2] Fol 12 wara
[3] Fol 14

11. Illi l-Artikolu 702(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi kif gej:

*"Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171."*

12. Illi l-Artikolu 699 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta pero jipprovdi ukoll illi:

*"699.(1) Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub. Il-kapitoli għandhom jiġu approvati mill-qorti.*

*(2) Il-kapitoli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti waqt is-smigħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati"*

13. Illi l-Artikolu 713 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi:

*"Il-prova bil-mezz tas-subizzjoni tista' f'kull każ issir sew qabel kemm wara li jinġiebu provi oħra, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell."*

14. Illi t-talba ghas-subizzjoni tal-kumpanija intimata saret mill-kumpanija rikorrenti kemm fl-avviz tat-talba ossia' rikors promotur taghha kif ukoll *seduta stante* matul is-seduta tad-19 ta' Frar 2020.

15. Illi skond l-Artikolu 702(3)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta *inter alia*, jekk il-parti, msejjħa għas-subizzjoni, ma tidhirx fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża u l-pretenzjoni miġjuba quddiem il-Qorti tkun ta' aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 582.34), kif inhu l-kaz f'dawn il-proceduri:

*"il-Qorti ghandha tħalli l-kawża għal darb'oħra li ma jkunx aktar tard minn ħmistax-il jum mid-data tas-seduta ... u l-kapitoli kif ikunu ġew imniżżlin mill-qorti jitqiesu mistqarra kemm-il darba l-parti li tagħha tintalab is-subizzjoni, mingħajr ma tinġieb raġuni tajba għal dak in-nuqqas, terġa' tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tkun ħalliet il-kawża kif intqal."*

16. Illi kif inghad izjed 'l fuq, wara li gie pprezentat il-kapitolu ghas-subizzjoni tal-kumpanija intimata fis-seduta tad-19 ta' Frar 2020, din il-Qorti halliet il-kawza ghas-seduta tal-24 ta' Frar 2020 sabiex il-kumpanija intimata twiegeb ghad-domanda tal-kumpanija rikorrenti.

17. Illi meta fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020 il-kumpanija intimata naqset milli tidher sabiex twiegeb ghad-domanda tal-kumpanija rikorrenti hija ghalhekk effettivament ammettiet illi "*hija debitur tal-kumpanija rikorrenti fis-somma u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz"*

18. Illi fil-kawza **Anthony Borg v. Samwel Veneziani** (Qorti tal-Appell Civili, 181/97/01JSP deciza fit-28 ta' April 1998) il-Qorti tal-Appell qalet illi "*din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.*"

19. Illi apparti din il-prova, il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni ta' dak li xehed Wilson Mifsud, rapprezentant tal-kumpanija rikorrenti, fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020 li kkonferma illi l-ammont mitlub mill-kumpanija rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu.

20. Illi mill-assjem tal-provi li ghandha quddiemha din il-Qorti jirrizulta ghalhekk li t-talba tal-kumpanija rikorrenti hija ben fondata u jisthoqqilha tigi akkolta.

**Decide**

21. **Ghaldaqstant din il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet tal kumpanija rikorrenti b'dan li qeghda:**

    **(a) Tiddikjara illi l-kumpanija intimata hija debitur tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' sebat elef erbatax-il euro u sitta u erbghin centezmu (€7,014.46) rapprezentanti prezz ta' appalt ossia xoghol ta' manutenzjoni u zamma ta' green areas gewwa l-impjant ta' Sant' Antnin permezz ta' prodotti u servizzi favur l-ambjent ghax-xhur ta' Gunju 2017, Lulju 2017, Awwissu 2017 u Settembru 2017;**

    **(b) Tikkundanna lill-kumpanija intimata thallas lill-kumpanija rikorrenti din is-somma flimkien mal-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 725/2019 ipprezentata taht l-166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet kif mitluba.**

***(ft)* Dr. Victor George Axiak LL.D.**
**Magistrat**

***(ft)* Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**